# STORJA TAL-PARROĊĊA TAL-GŻIRA

1913 Fis-7 ta' Lulju l-Isqof Monsinjur Pietro Pace iddikjara l-Kappella li fiha ġie mqiegħed il-Kwadru tal-Madonna u l-ġebla li ġiet mitfugħa fuq il-Kwadru bħala Vici-Parroċċa taħt it-titlu tal-Madonna tal-Ħniena.

1921 Fil-15 ta' Mejju, Solennita' ta' l-Inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, l-Arċisqof Mauro Caruana iddikjara din il-Kappella bħala Parroċċa taħt it-titlu tal-Madonna tal-Karmnu, minħabba d-devozzjoni kbira li kellu l-poplu tal-Gżira lejn il-Madonna tal-Karmnu.
L-Arċisqof ħatar lil Dun Anton Manche' bħala l-ewwel Kappillan ta' din il-Parroċċa ġdida. Dun Anton Manche' mill-ewwel ta bidu għall-bini ta' knisja ġdida biex il-poplu tal-Gżira, li beda jiżdied, ikun moqdi aħjar.



*Beda l-bini tal-Knisja.*

1924 Fis-6 ta' Lulju ġiet imbierka l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li nħadmet f'Lecce, l-Italja u tħallset minn benefattur, is-Sur Carmelo Pace.

1930 F'din is-sena infetaħ il-qasam tal-MUSEUM tal-bniet fil-Gżira. Il-post kien fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni.

1934 Fid-19 ta' Frar miet il-Kappillan Dun Anton Manche' fl-eta' ta' 66 sena.
Fit-8 ta' Diċembru twaqqaf l-ewwel qasam tal-MUSEUM tas-subien, frott it-tħabrik tal-Kappillan Dun Anton Manche'.

1935 Fit-12 ta' Marzu Dun Carlo Manche' sar it-tieni Kappillan tal-Gżira fost ferħ kbir tal-poplu tal-Gżira. Dun Carlo Manche' kompla l-bini tal-knisja u organizza l-parroċċa pastoralment għal dak iż-żmien.

1937 Twaqqfet l-ewwel komunita' tas-sorijiet Agostinjani fil-Gżira.

1938 Ġew fil-Gżira l-Freres ta' De la Salle.

1944 Fit-3 ta' Diċembru twaqqfet l-Azzjoni Kattolika, fergħa ta' l-irġiel fil-Gżira.

1948 Fl-10 ta' Ġunju twaqqfet is-Soċjeta' Filarmonika Madonna tal-Karmnu fil-Gżira.
Fil-25 ta' l-istess xahar infetħet il-fergħa ta' l-irġiel tal-*Legion of Mary*.

1950 Fit-18 ta' Novembru miet il-Kappillan Dun Carlo Manche' fl-eta' ta' 45 sena. Kif kien xieraq l-għada sarlu funeral kbir fost is-sogħba tal-poplu tal-Gżira. Matul il-parrokat tiegħu ngħata bidu għal diversi għaqdiet reliġjużi fil-parroċċa fosthom l-Azzjoni Kattolika, il-*Legion of Mary*, t-Terzjarji Karmelitani u x-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.



*Il-funeral tal-Kappillan Dun Carlo Manche'*

1951 Fit-18 ta' Marzu, Ħadd il-Palm, Dun Pawl Galea sar it-tielet Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira.

1953 Il-Kappillan Dun Pawl Galea bħall-Kappillani ta' qablu mill-ewwel ta l-importanza li jixraq lit-tagħlim, b'mod speċjali dak reliġjuż għalhekk f'Mejju ta' dik is-sena nfetħet is-sala parrokkjali (fejn illum hemm il-*Youth Centre*) biex tkun tista' tintuża mid-diversi għaqdiet tal-parroċċa.

1957 Fit-30 ta' Ġunju sar it-tberik ta' sett qniepen ġodda minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi. Dawn il-qniepen ittellgħu fil-kampnari tal-knisja fil-ġranet ta' wara.

1959 Fit-23 ta' Mejju saret il-Konsagrazzjoni tal-knisja minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi.



*Fit-30 ta' Ġunju 1957 sar it-Tberik tal-qniepen ġodda.*

1962 Matul din is-sena bix-xogħol ħabrieki tal-Kappillan Dun Pawl Galea tkabbar iċ-ċentru parrokkjali biex ikun jista' jlaħħaq ma' l-esiġenzi pastorali li bdew jiżdiedu.
Fis-7 ta' April ġew ordnati żewġ qassisin ġodda mill-Gżira, Dun Emmanuel Agius u Dun Frank Tabone Adami li mill-ewwel mar jaqdi l-ministeru saċerdotali tiegħu fil-Brazil.

1966 F'din is-sena mal-knisja twaħħal arloġġ elettriku li jdoqq is-sigħat bl-*Ave Maria* u b'hekk ifakkar lil kulħadd li l-Gżira hija parroċċa ddedikata lill-Madonna.
Fit-30 ta' Settembru ta' l-istess sena l-Kappillan Dun Pawl Galea irtira minħabba raġunijiet ta' saħħa.

1967 Fil-15 ta' Jannar, Dun Ġużepp Theuma sar ir-raba' Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira.

1968 Matul din is-sena twaqqaf il-Kor Parrokkjali Santa Ċeċilja.

1969 Fid-19 ta' Ġunju, l-area ta' Ta' Xbiex saret parroċċa u għalhekk inqatgħet minn mal-Parroċċa tal-Gżira.

1970 Matul din is-sena infetaħ il-*Youth Centre* u beda jlaqqa' fih żgħażagħ ġuvintur u tfajliet.



*Il-Youth Centre attiv biż-żgħażagħ*

1971 Fil-15 ta' Mejju, għeluq il-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa saret Quddiesa solenni minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi u wara inawgura u bierek irħama kommemorattiva fil-knisja.

1972 Fl-20 ta' Frar bdiet Viżta Pastorali mill-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonżi li kien mgħejjun minn Monsinjuri Farruġia u Lupi. Matul din is-sena nbena ċ-Ċentru Parrokkjali.

1974 Fit-8 ta' Lulju bħala bidu tal-Festi tal-Madonna tal-Karmnu saret Quddiesa solenni mmexxija minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi fl-okkażjoni tal-50 anniversarju ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu. Għal din il-Quddiesa li saret fi Pjazza Meme' Scicluna il-poplu tal-Gżira ħa sehem f'numru kbir.
Din is-sena mar it-tieni qassis mill-Gżira fil-missjoni l-Brażil, Dun Anton Sammut.



*F'Egħluq il-50 Anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa*

1975 Fil-11 ta' Jannar l-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi ikkonsagra l-altar mejda wara li kienu saru t-tibdiliet meħtieġa skond it-tiġdid liturġiku.
Matul din is-sena twaqqfet l-Għaqda Ommijiet Żgħażagħ li aktar 'il quddiem saret magħrufa bħala *Ladies Circle*, biex torganizza attivitajiet għal nisa mill-Gżira.

1981 Fl-20 ta' Diċembru, Dun Walter Cauchi sar il-ħames Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira. Il-Kappillan il-ġdid flimkien mal-Presbiterju Parrokkjali mill-ewwel ħaseb biex ifassal Pjan Pastorali għall-Parroċċa għas-snin 1982-1986.

1983 Matul din is-sena reġa' beda joħroġ il-fuljett parrokkjali, *Il-Gżira*.
Il-Kappillan Dun Walter Cauchi ta importanza kbira lill-katekiżmu tat-tfal fl-għaqdiet. Kien jorġanizza laqgħat għall-ġenituri tat-tfal li jkunu qed jitħejjew għas-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Bdew jiġu organizzati laqgħat għall-*Pre-Youths* u Żgħażagħ b'mod regolari fil-*Youth Centre*. Il-Kappillan Dun Walter Cauchi beda wkoll kuntatt ma' diversi familji permezz tal-*Family Visits*.



*L-istatwa ta' Kristu Rxoxt*

1984 Fi żmien meta l-vokazzjonijiet saċerdotali bdew jonqsu l-Gżira ferħet b'żewġ qassisin ġodda Gżirjani, Dun Alex Cordina u Dun Mario Delmar.

1985 Fis-7 ta' April, Ħadd il-Għid, ħarġet għall-ewwel darba fit-toroq tal-Gżira l-istatwa l-ġdida ta' Kristu Irxoxt maħduma mill-iskultur Camilleri Cauchi. Il-purċissjoni baqgħet issir regolarment bis-sehem tal-Kleru u ta' l-abbatini.
Matul din is-sena twaqqaf ukoll il-Grupp ta' l-Anzjani, li kien jorganizza attivitajiet varji għall-anzjani tal-parroċċa.

1990 Fit-18 ta' Frar, Dun Noel Grima sar is-sitt Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira.
Fis-16 ta' Ġunju, ġew istitwiti Ministri Straordinarji tat-Tqarbin sitt sorijiet Agostinjani biex jgħinu fit-tqassim ta' l-Ewkaristija fil-parroċċa.

1991 B'inizjattiva ta' grupp ta' żgħażagħ mill-Gżira twaqqaf il-*Gżira Youth Parish Service* li aktar 'il quddiem żviluppa f'*Youth for Life Community Service*.

1992 Fil-bidu ta' din is-sena s-sorijiet Agostinjani fil-Gżira bdew il-bini ta' kunvent ġdid fi Triq Edgar Bernard.

1993 Fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kor Parrokkjali saret Quddiesa ikkonċelebrata minn Monsinjur Vigarju Annetto Depasquale.

1994 F'Ġunju s-sorijiet Agostinjani fil-Gżira poġġew l-ewwel ġebla ta' l-iskola ġdida Sta Monika viċin il-kunvent il-ġdid tagħhom fi Triq Edgar Bernard.
F'Novembru ta' l-istess sena il-Kappillan Dun Noel Grima irriżenja minn Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira.
F'Diċembru ġie nominat minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca Dun Victor Scicluna bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira. Bejn l-1981 u l-1988 Dun Victor Scicluna kien qeda l-ministeru saċerdotali tiegħu bħala Viċi Kappillan fil-Parroċċa tal-Gżira.

1995 Fid-19 ta' Frar, Dun Victor Scicluna sar is-seba' Kappillan tal-Parroċċa tal-Gżira. Matul din is-sena ittieħdu ħafna inizjattivi ġodda bħal ġranet ta' Adorazzjoni quddiem Ġesu' Sagramentat u laqgħat ta' formazzjoni fuq il-Bibbja.

1996 F'Jannar ta' din is-sena fil-knisja parrokkjali bdiet tiġi nstallata stalazzjoni ta' elettriku ġdida għall-knisja. Fl-istess xahar il-grupp taż-żgħażagħ tal-*Youth Centre* ħadu l-inizjattiva li jiftħu l-*Youth Centre* darba fil-ġimgħa għal żgħażagħ b'diżabilita' mill-Gżira.



*Xogħol fuq l-istalazzjoni ġdida ta' l-elettriku*